

RIŻOLUZZJONI (UE) 2018/1334 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-18 ta' April 2018****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, Taqsima VIII – L-Ombudsman Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0100/2018),
1. Jinnota li fir-Rapport Annwali 2016 tagħha, il-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") osservat li ma ġiet identifikata l-ebda dgħufija sinifikanti fir-rigward tat-temi awditjati b'relazżjoni mar-riżorsi umani u l-proċeduri ta' akkwist għall-Ombudsman Ewropew ("l-Ombudsman");
 2. Jinnota li l-Qorti, abbażi tal-ħidma ta' awditjar tagħha, ikkonkludiet li l-pagamenti inġenerali għan-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet u tal-korpi ma kellhomx żbalji materjali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016;
 3. Jilqa' l-fatt li l-Ombudsman ippreżentat ir-rapport ta' attività annwali lill-Qorti f'Marzu; jinnota li l-Qorti ppreżentat ir-rapport tagħha lill-Parlament f'Ottubru u li l-votazzjoni dwar il-kwittanza mill-Parlament se ssir fis-sessjoni plenarja sa Mejju; jinnota li sakemm tingħalaq il-kwittanza, dment li ma tiġix posposta, ikunu għaddew mill-inqas 17-il xahar mill-għeluq tal-kontijiet annwali; jirrimarka li l-awditjar fis-settur privat isegwi skeda ta' żmien ħafna iqsar; jenfasizza li l-proċedura ta' kwittanza teħtieġ tiġi ssemplifikata u mħaffa; jirrikjedi lill-Ombudsman issegwi l-eżempju tajjeb mogħti mis-settur privat u jipproponi li tiġi stabbilita skadenza għall-preżentazzjoni tar-rapporti ta' attività annwali għall-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, skadenza għall-preżentazzjoni tar-rapporti tal-Qorti għall-1 ta' Lulju u sussegwentement issir votazzjoni dwar il-kwittanza fis-sessjoni plenarja ta' Novembru, u b'hekk il-proċedura ta' kwittanza tingħalaq fi żmien sena wara s-sena finanzjarja kkonċernata;
 4. Jilqa' l-ġestjoni finanzjarja ġeneralment prudenti u soda tal-Ombudsman fil-perjodu tal-baġit tal-2016; jesprimi appoġġ għall-bidla fundamentali li rnexxiet lejn ibbaġitjar ibbażat fuq il-prestazzjoni fl-ippjanar tal-baġit tal-Kummissjoni introdotta mill-Viċi President Kristalina Georgieva f'Settembru 2015 bħala parti mill-inizjattiva "Baġit tal-UE iffukat fuq ir-Riżultati"; iħeġġeġ lill-Ombudsman tapplika dan il-metodu għall-proċedura ta' ppjanar tal-baġit tagħha stess;
 5. Jišhaq fuq il-fatt li l-baġit tal-Ombudsman huwa wieħed purament amministrattiv u fl-2016 ammonta għal EUR 10 658 951 (fl-2015 kien EUR 10 346 105);
 6. Jinnota li mill-appropriazzjonijiet totali, ġew impenjati 95,40 % (meta mqabbel ma' 92,32 % fl-2015) u tħallsu 85,89 % (meta mqabbel ma' 86,19 % fl-2015) b'rata ta' użu ta' 95,40 % (meta mqabbel ma' 92,32 % fl-2015); jilqa' ż-żieda fir-rata ta' użu;
 7. Jilqa' r-rwol kruċjali tal-Ombudsman fil-promozzjoni tal-governanza tajba u fl-iżgurar tal-parteeipazzjoni tas-soċjetà ċivili fl-Unjoni; jinnota li fl-2016, l-Ombudsman għalqet ħames inkjesti strateġiċi u fetħet erbgħa ġodda dwar kwistjonijiet marbuta, fost oħrajn, mat-trasparenza u l-kunflitti ta' interess; iħeġġeġ lill-Ombudsman tkompli bil-ħidma strateġika tagħha bl-għan li tiġi promossa l-governanza tajba tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
 8. Jilqa' d-deċiżjoni li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-komunikazzjoni u tat-traduzzjoni marbuta mal-produzzjoni ta' pubblikazzjonijiet mingħajr ma tkun kompromessa l-kwalità tagħhom; jinnota li tnaqqas it-tul tad-dokumenti, u għalhekk jinsab interessat ikun jaf jekk l-informazzjoni li issa ġiet eskluża mill-pubblikazzjonijiet hijiex madankollu aċċessibbli jekk tintalab;
 9. Jilqa' l-fatt li l-organigramma tal-Ombudsman ġiet iċċarata u tinsab disponibbli fuq is-sit web tiegħu; jitlob lill-Ombudsman tiżgura li l-verżjoni aġġornata tal-organigramma tkun dejjem disponibbli fuq is-sit web tagħha;

10. Jinnota r-riżultati li nkisbu fl-2016 fir-rigward tal-ġestjoni tal-ilmenti u jilqa' l-fatt li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kkonformaw mad-deċiżjonijiet tal-Ombudsman b'rata ta' 84 % (83 % fl-2015); jinnota li din hija t-tieni l-ogħla rata ta' konformità mad-deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman s'issa; jirrakkomanda li l-Ombudsman tkompli taħdem u tanalizza soluzzjonijiet possibbli sabiex minn tal-inqas terġa' tintlaħaq ir-rata ta' 88 % li nkisbet fl-2014; jinnota li r-rata ta' segwitu għal rimarki kritiċi kienet ta' 63 % fl-2016 (41 % fl-2015); jilqa' r-rapport tal-Ombudsman bit-titolu "Putting it Right", li joffri analiżi dwar kif l-istituzzjonijiet ikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tagħha u jippreżenta analiżi dettaljata għal kull istituzzjoni;
11. Jilqa' l-introduzzjoni tal-proċedura rapida ġdida għall-każijiet ta' aċċess għad-dokumenti bħala sinjal ċar li l-Ombudsman tagħmel l-almu tagħha biex tilħaq livell għoli ta' trasparenza tad-dokumenti tal-Unjoni; huwa tal-fehma li għad hemm lok għal titjib minn kważi kull istituzzjoni oħra tal-Unjoni;
12. Jissottolinja l-importanza li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jafu bil-possibbiltà li jirrikorru għand l-Ombudsman f'każ ta' amministrazzjoni ħażina; jilqa' l-isforzi tal-Ombudsman biex iżżid l-attivitàjiet ta' komunikazzjoni tagħha u l-kooperazzjoni fost l-ombudsmen biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-ħidma tagħha; jinnota li l-Ombudsman kemm-il darba indirizzat il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament, u jħeġġeġ sabiex ikun hemm aktar kooperazzjoni fil-ħidma strateġika tagħha dwar l-inkjesti u l-inizjattivi tagħha;
13. Itenni t-tħassib tiegħu dwar "bibien iduru interni" bejn l-Ombudsman u l-istituzzjonijiet l-oħra, b'mod partikolari d-direttorati tal-Kummissjoni li jistgħu jkunu taħt l-iskrutinju tagħha;
14. Jinnota li wħud mill-objettivi stabbiliti mill-Ombudsman biex tivvaluta l-prestazzjoni tagħha stess permezz ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ma ġewx milħuqa⁽¹⁾; jitlob lill-Ombudsman tidentifika l-miżuri meħuda biex jittejbu r-riżultati miksuba;
15. Jilqa' b'sodisfazzjon il-bilanċ bejn is-sessi fil-livell ta' ġestjoni u fost l-amministraturi; iħeġġeġ lill-Ombudsman iżżomm din ix-xejra;
16. Jinnota li għad hemm żbilanċ ġeografiku fil-livell maniġerjali; jinnota li tnejn mit-tliet maniġers li ġejjin mill-Istat Membru tal-Ombudsman kienu jokkupaw pożizzjonijiet maniġerjali fl-Uffiċċju għal ħafna snin qabel il-ħatra tal-Ombudsman preżenti, u huma uffiċjali, filwaqt li t-tielet wieħed ingħaqad bħala kap tal-Kabinett fil-bidu tal-mandat tal-Ombudsman preżenti; jirrikonoxxi li huwa għalhekk diffiċli li tinbidel is-sitwazzjoni fi żmien qasir, iżda jħeġġeġ lill-Ombudsman tagħmel ħilitha sabiex jinkiseb bilanċ ġeografiku fil-pożizzjonijiet maniġerjali fuq terminu twil;
17. Jinnota l-pjan tal-Ombudsman li tikkonforma mal-ftehim interistituzzjonali li tnaqqas il-persunal b'5 % matul il-perjodu ta' ħames snin; jinnota li, skont ir-rapport ta' segwitu għall-kwittanza tal-2015, l-istimi inizjali tal-2016 biex jinħolqu ħames postijiet ġodda ġew emendati u l-verżjoni finali rriżultat fi tnaqqis nett ta' membru tal-persunal wieħed;
18. Jirrikonoxxi li l-Ombudsman qiegħda tesperjenza żieda sinifikanti ta' lmenti u huwa konxju tat-talba tagħha lill-Parlament, li għamlet fir-rapport ta' attività annwali tagħha għall-2016, għal żieda baġitarja moderata sabiex jiġu impjegati persunal multilingwi supplimentari; jinsab imħasseb li, b'riżultat tat-tnaqqis tal-persunal, ir-riżorsi disponibbli li jifdal f'kull servizz ma jippermettux l-assorbiment ta' żieda fil-volum tax-xogħol; jistieden lill-awtoritajiet baġitarji jkunu konxji mill-impatt fit-tul tat-tnaqqis tal-persunal, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tal-Ombudsman li ttejjeb il-bilanċi bejn is-sessi u l-bilanċi ġeografiċi, kif ukoll il-ħtieġa li tibni fuq il-kapaċità ta' uffiċjali bl-esperjenza biex jassumu karigi maniġerjali waqt li tiġi ppjanata l-allokazzjoni futura tar-riżorsi finanzjarji għall-persunal;
19. Jinnota l-impenn tal-Ombudsman li ttejjeb it-trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni; jinnota li fl-2016 l-inkjesti relatati mat-trasparenza għal darb'oħra kienu jirrappreżentaw l-akbar perċentwal ta' każijiet;

⁽¹⁾ L-impatt tal-konformità; il-viżibbiltà permezz taż-żjarat fuq is-sit web u l-użu tal-gwida interattiva biex jiġi kkuntattjat membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsman (ENO); u l-perċentwal ta' każijiet li fihom id-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ittieħdet fi żmien xaħar – l-objettiv stabbilit mill-Ombudsman ma laħaqx il-mira.

20. Jinnota li għad hemm ilment li għadu għaddej quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) fir-rigward tal-Ombudsman li tressaq fl-2016; jinnota li l-Uffiċċju tal-Ombudsman għandu kooperazzjoni mill-qrib mal-KEPD, u qiegħed jirrieżamina l-proċedura tal-Uffiċċju dwar l-ipproċessar tad-data personali ta' partijiet terzi fi lmenti u inkjesti; jitlob lill-Uffiċċju tal-Ombudsman iżomm lill-Kumitat tal-Parlament għall-Kontroll tal-Baġit informat dwar l-eżitu tar-rieżami;
 21. Jilqa' l-inklużjoni ta' grafiki tar-riżorsi umani u tat-taħriġ professjonali fir-rapport ta' attività annwali tal-Ombudsman għall-2016;
 22. Jafferma l-bżonn li jiġi stabbilit korp ta' żvelar, konsulenza u riferiment indipendenti b'riżorsi baġitarji suffiċjenti, li jgħin lill-informaturi jużaw il-mezzi adatti biex jiżvelaw l-informazzjoni tagħhom dwar irregolaritajiet possibbli li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, filwaqt li titħares il-kunfidenzjalità tagħhom u jingħataw l-appoġġ u l-konsulenza meħtieġa;
 23. Jinnota li l-Ombudsman tat segwitu f'waqtu għall-kwittanza tal-2015, jiġifieri qabel it-30 ta' Ġunju 2018, fir-rapport tagħha lill-Kumitat tal-Parlament għall-Kontroll tal-Baġit, f'konformità mal-Artikolu 166 tar-Regolament Finanzjarju; jiddispjaċih, madankollu, dwar in-nuqqas ta' data tal-2016 f'sezzjonijiet differenti tar-rapport ta' attività annwali tal-Ombudsman għall-2016;
 24. Jiddispjaċih għad-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea; josserva li f'dan l-istadju ma tista' ssir l-ebda previżjoni dwar il-konsegwenzi finanzjarji, amministrattivi, umani u oħrajn relatati ma' dan il-ħruġ; jitlob lill-Ombudsman u lill-Qorti jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt u jinformaw lill-Parlament dwar ir-riżultati sa tmiem l-2018.
-